**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta numru 93 tat-28 ta' Frar 2023 dwar talba għal ruling mill-Onor. Clint Camilleri fil-konfront tal-Onor. Karol Aquililna**

Fis-Seduta tal-bieraħ, 27 ta' Frar 2023, il-Ministru Clint Camilleri talab ruling b'reazzjoni għal diskors li kien għadu kif qal l-Onor. Karol Aquilina, u nikkwota:

> "**ONOR. CLINT CAMILLERI**: Irrid nagħmel referenza għal Standing Order 60 għax qed jattribwixxi affarijiet lil din in-naħa tal-Kamra, lill-Membri kollha tal-Gvern li aħna frodisti u għaldaqstant nitlob ruling min-naħa tiegħek. Grazzi. (Onor. Membri: Hear, hear)
>
> **L-ISPEAKER**: Fuq dak li tlabt, Onor. Camilleri, diġà hemm ruling. Jekk ma tidentifikax il-persuna allura ... (Għajjat) ...
> Il-Ministru Camilleri.
>
> **ONOR. CLINT CAMILLERI:** Fil-fatt l-Onor. Aquilina identifika lilna kollha ta' din in-naħa tal-Kamra jiġifieri qiegħed jattribwixxi għall-Membri Parlamentari kollha tal-Gvern. Tista' tisma' r-recording u tara x'qal.
>
> **L-ISPEAKER**: Grazzi. Issa nagħti ruling fil-ħin propizju."

Il-Ministru Camilleri kien qed jirreferi għad-diskors li ngħad ftit qabel u nikkwota:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, meta nhar il-Ġimgħa ngħatat is-sentenza mill-Imħallef Depasquale mill-ewwel ġie f'moħħi inċident serju li kien ġara f'din il-Kamra meta kellna l-Prim Ministru Joseph Muscat – għax hu kien għadu l-Prim Ministru – jgħajjar u jhedded lil Simon Busuttil u jgħajru frodist. Sur President, illum nafu min huma l-frodisti f'dan il-pajjiż! (Onor. Membri: Hear, hear) Illum il-frodist huwa Joseph Muscat, il-frodist huwa Konrad Mizzi, il-frodist huwa Keith Schembri, il-frodist huwa Chris Cardona, il-frodist huwa Edward Scicluna u ta' faċċata tagħna kollha huma frodisti! (Onor. Membri: Hear, hear)" Huma l-Gvern tal-frodi! Huma l-Gvern imwieled fil-frodi ... (Għajjat)

Is-Sedja rat dak li jgħid l-Ordni Permanenti 60 li ġie invokat mill-Onor Camilleri u nikkwota:

> "60. Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru."

Rat ukoll dak li tgħid l-Ordinanza dwar is-Setgħat u l-Privleġġi tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, u nikkwota Artikolu 11(4):

> " Ikun reat kontra din l-Ordinanza:
>
> (b) kull insult jew nuqqas ta' qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta' qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt tal-insult jew tan-nuqqas ta' qima, meta fil-każ il-wieħed jew l-ieħor l-insult jew in-nuqqas ta' qima jsiru quddiem il-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom;"

Is-Sedja tinnota li għalkemm ma kellha l-ebda talba *ai termini* tal-artikolu 11(4)(b) fuq ċitat, is-Sedja tara li l-ilment jinkwadra taħt din l-Ordinanza in vista ta' dak li jgħid l-Artikolu 11(1) tagħha u tikkwota:

> "... L-espressjoni "*prima facie*" tfisser li lment li jkun sar ikun jallega ksur ta' xi regola stabbilita b'din l-Ordinanza jew fl-i*Standing Orders* tal-Kamra tad-Deputati jew ta' xi riżoluzzjoni approvata mill-Kamra tad-Deputati dwar attijiet imsemmija fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, u ma għandha f'ebda każ tkun tfisser jew timplika xi stqarrija ta' ħtija jew ta' innoċenza."

Is-Sedja għaldaqstant se tara jekk fir-rigward tad-diskors li ngħad mill-Onor. Aquilina japplikax l-Ordni Permanenti 60 invokat mill-Onor. Camilleri. L-Ordni Permanenti 60 jagħmilha ċara li ebda Membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha. Is-Sedja tifhem li l-ilment imqajjem mill-Ministru Camilleri dwar dak li qal l-Onor. Aquilina fil-konfront tal-Membri Parlamentari tan-naħa tal-Gvern huwa dan li ġej:

> "... ta' faċċata tagħna kollha huma frodisti"

Hawnhekk is-Sedja rreferiet għal dak li huwa meqjus bħala diskors mhux aċċettabbli fil-parlament tar-Renju Unit. Tibda billi tikkwota dak li jgħid l-Erskine May meta jiġi biex jiddefinixxi x'jikkostitwixxi unparliamentary language u nikkwota:

> "Unparliamentary language breaks the rules of politeness in the House of Commons Chambers. The Speaker will direct an MP who has used unparliamentary language to withdraw it. Refusal to withdraw a comment might lead to an MP being disciplined, for example, the Speaker could name the Member.
>
> Words to which objection has been taken by the Speaker over the years include blackguard, coward, git, guttersnipe, hooligan, rat, swine, stool pigeon and traitor".

Is-Sedja tinnota wkoll dak li jgħid l-Erskine fis-sezzjoni "General requirement for moderate language" u tikkwota:

> "Good temper and moderation are the characteristics of parliamentary language. Parliamentary language is never more desirable than when a Member is canvassing the opinions and conduct of their opponents in debate. The Speaker will accordingly intervene in such cases and will also intervene in respect of other abusive and insulting language of a nature likely to create disorder."

Is-Sedja rat ukoll dak li jgħid l-Erskine May dwar "Language and allegations in relation to other Members and Members of the House of Lords" u tikkwota:

> "The general requirements of moderation in parliamentary language, reflected above, are viewed as particularly important when Members are speaking of other Members, not because other Members require specific protection, but in order to preserve the character of parliamentary debate. Words which may be tolerated by the Chair in other circumstances may therefore be discouraged or required to be withdrawn as

> unparliamentary when used in connection with other Members; though, as already indicated, what is unparliamentary is subject to the context in which a word or phrase is used. Expressions that are unparliamentary when applied to individuals are not always so considered when applied to a whole party."

Wara li qieset dan kollu, is-Sedja tirrimarka li d-diskors inkwistjoni ma jistax jitqies li jikkostitwixxi *prima facie* ksur ta' privileġġ, għaliex ma kien identifikat l-ebda Membru, u dan kif titlob l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra meta tirreferi għal ksur ta' xi regola stabbilita b'din l-Ordinanza jew fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati dwar attijiet imsemmija fis-subartikolu (4) tal-Ordinanza.

Is-Sedja hawn se terġa' tikkwota mis-subartikolu (4) tal-artikolu 11 imsemmi bl-enfasi fuq il-kliem li minnhom joħroġ dan l-argument li ntuża f'diversi rulings preċedenti.

> " Ikun reat kontra din l-Ordinanza:
>
> (b) kull insult jew nuqqas ta' qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta' qima lil <u>wieħed mill-Membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt tal-insult jew tan-nuqqas ta' qima</u>, meta fil-każ il-wieħed jew l-ieħor l-insult jew in-nuqqas ta' qima jsiru quddiem il-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom;"

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għal numru ta' rulings, fosthom dak mogħti fis-Seduta 144 tal-5 ta' Mejju 2014, fejn kienet qalet li ma tarax li hemm prima facie ksur ta' privileġġ ladarba dak li qed jingħad ma kienx qed jiġi attribwit lil ebda membru identifikabbli f'din il-Kamra.

Madankollu, fiċ-ċirkostanza s-Sedja terġa' tissolleċita lill-Membri kollha biex joqogħdu attenti li dejjem iżommu d-dekor f'din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Membru jista' dejjem jagħmel l-argument mingħajr ma jaqa' fil-livell baxx ta' insult u nuqqas ta' qima fil-konfront ta' Membri tal-Parlament.

Għalhekk is-Sedja tħossha fid-dmir li għal darb'oħra tikkundanna kull aġir u diskors li ma jagħmilx ġieħ lil din il-Kamra, ġej minn liema naħa ġej. Irrispettivament minn dak li allegatament seta' wettaq xi Membru ta' din il-Kamra, huwa importanti ħafna li d-dibattitu f'din il-Kamra jinżamm dejjem fuq livell ċivili ħalli d-diskussjoni tkun tista' tkompli, u anke biex il-poplu jkun jista' jsegwi dak li jkun qed jingħad mir-rappreżentanti tiegħu f'din l-ogħla istituzzjoni. Huwa appunt dan l-iskop tal-Ordni Permanenti 60.

B'dan ir-ruling is-Sedja qed tagħti messaġġ b'saħħtu kontra l-użu ta' dan it-tip ta' diskors fil-Kamra, u għalhekk qed tqis dan ir-ruling bħala rimedju fih innifsu.